

It-Tlieta 15 ta' April 2014

P7_TA(2014)0373

L-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (COM(2013)0495 – C7-0259/2013 – 2013/0240(NLE))

(Konsultazzjoni)

(2017/C 443/54)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2013)0495),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 187 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0259/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0105/2014),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P7_TC1-NLE(2013)0240

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata tal-15 ta' April 2014 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru .../2014 li jisbabbilixxi l-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014.)